**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` Jannar 2015**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 611/10 JZM**

**Amber Properties Limited (C-28781)**

***kontra***

**1) Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035)**

***u***

**2) Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884)**

**3) Alfred Balzan**

**4) Amadeo Balzan**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>16 ta` Gunju 2010</u> li jaqra hekk :–

*1) Illi nhar il-5 ta` Frar 2008, is-socjeta` esponenti ntavolat procedura ta` zgumbrament kontra s-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035) u kif ukoll Amadeo Balzan (procedura bin-numru 113/08 LFS) u dana wara li s-socjeta` esponenti ppremettiet illi hija l-proprjetarja tal-fond 113, Triq San Gorg, San Giljan ;*

*2) Illi fis-seduta tal-21 ta` April 2008, l-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035) talab "li jinghata permess jipprezenta nota ta` eccezzjonijiet formali fuq il-bazi ta` titolu ta` kommodat ... bazat fuq l-intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035)", liema talba giet akkordata ;*

*3) Illi fis-seduta tad-19 ta` Mejju 2008, dina l-Onorabbli Qorti ordnat l-isfilz tal-eccezzjonijiet imressqa minn Amadeo Balzan personalment peress illi ma kienx awtorizzat iressaq eccezzjonijiet u ordnat illi "l-kawza tigi ezaminata fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet ta` Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd." ;*

*4) Illi b`sentenza tal-10 ta` Lulju 2009, li ghaddiet in gudikat dina l-Onorabbli Qorti iddecidiet hekk : "Illi ghalhekk il-Qorti qed tilqa` t-tieni talba tas-socjeta` rikorrenti u tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-fond 113, Triq San Gorg, San Giljan minghajr titolu validu fil-ligi. Tordna lill-intimati biex fi zmien xahar mill-lum jizgumbraw minn dan il-fond. Spejjez kontra l-intimati" ;*

*5) Illi rrizulta f`kawza ta` spoll, ipprezentata nhar l-10 ta` Dicembru 2008 (Rik Gur 1230/08 JA) istitwita mis-socjeta` konvenuta l-ohra u senjatament Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) kontra Alexandra Balzan Ruggier u Joseph Oliver Ruggier illi saret skrittura datata 15 ta` April 2008 bejn is-socjetajiet konvenuti, u li permezz taghha is-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited rapprezentata minn missier Amadeo Balzan, ittrasferiet versu s-socjeta` konvenuta l-ohra Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited, rapprezentata minn missier Amadeo Balzan u senjatament Alfred Balzan "the full and complete management and operation of the Business/Shop [definit fl-iskrittura bhala: `the shop at 113, St.George`s Road, St.Julians, STJ 3203] as a whole" (kopja ta` din l-iskrittura qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. A) ;*

*6) Illi din l--iskrittura saret wara li s-socjeta` attrici ntavolat il-proceduri ta` zgumbrament surreferit u qabel is-seduta tal-21 ta` April 2008 fejn il-konsulent legali tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited iddikjara illi l-uniku titolu li ghandha din is-socjeta` huwa wiehed ta`*

*kommodat, liema `titolu` gie dikjarat bhala non-ezistenti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza surreferita u dana ghas-segwenti konsiderazzjonijiet :-*

*"L-unika raguni li giet suggerita lill-Qorti fil-kors tal-kawza ghaliex it-talba attrici m`ghandhiex tigi milqugha hija fuq allegazzjoni tat-titolu ta` kommodat. Issa ghalkemm it-titolu ta` kommodat huwa certament wiehed legalment validu biex jopponi talba bhal dik in kwistjoni, certament li jrid ikun hemm provi cari u manifesti li tali kommodat jezisti u fit-termini u kundizzjonijiet li jintitola lill-intimati jsostnu tali talba. Izda din il-Qorti ma ghandha ebda prova tat-titolu tal-kommodat minhabba li m`ghandhiex f`dan is-sens la dokumenti li jirrafforzaw dan l-argument u anqas ma ghandha depozizzjonijiet in sostenn tat-titolu tal-kommodat. Ghalkemm huwa obbligu tal-Qorti li tezamina jekk hemmx ragunijiet validi anke fil-kaz tal-kontumacja, jibqa` certament ferm aktar kbir l-obbligu fuq il-Qorti li fejn m`ghandhiex provi, ma tarahomx fejn ma jezistux u f`dan il-kaz peress li ma hemm ebda prova tat-titolu tal-kommodat ma jistax ikun li din il-Qorti tqisu bhala ezistenti."*

*7) Illi kieku minnu illi s-socjeta` konvenuta Central Holdays (Travel and Tourism) Limited kellha xi sritt ta` operazzjoni tal-hanut f`113, St George`s Road, St. Julians STJ 3203 kif iddikjarat fil-preambolu tal-iskrittura tal-15 ta` April 2008 : "Whereas the Company operates the shop by the name of Central Holidays situate at 113, St George`s Road, St Julians STJ 3203 which is a Travel Agency", dina l-istess socjeta` kienet – ghallinqas – tiddikjara tali dritt ta` operazzjoni/management fis-seduta tal-21 ta` April 2008 quddiem dina l-Onorabbli Qorti, fil-proceduri surreferiti, haga li inspjegabbilment naqset li taghmel u bbazat id-difiza taghha unikament fuq titolu ta` kommodat ;*

*8) Illi huwa car illi l-iskrittura de quo saret unikament sabiex is-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited tipprova tiffroda is-socjeta` attrici mid-drittijiet taghha rigwardanti l-proprjeta` in kwistjoni gewwa San Giljan u tohloq drittijiet a favur terzi, u senjatament Central Holidays (Travel Agents and Organisers) li qatt ma kienu jezistu u dan kif gie anke ikkonfermat gudizzjarjament permezz tas-sentenza Amber Properties Limited v. Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan (10 ta` Lulju 2009 Cit. Nru 113/2008 LFS) ;*

*9) Illi huwa car illi kemm l-iskrittura u kif ukoll il-kreazzjoni tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel Agents & Organisers)Limited saret mill-konvenuti Balzan sabiex joholqu finzjoni legali illi din is-socjeta` topera mill-fond proprjeta` tas-socjeta` attrici ;*

*10) Illi nfatti dak kollu li sar mill-konvenuti sar unikament sabiex huma jibqghu jirrezistu, b`mod frawdolenti, ghad-dritt tas-socjeta` attrici li tottjeni l-izgumbrament effettiv tal-proprjeta` taghha ;*

*11) Illi dawn il-manuvri bdew meta Alexandra Balzan Ruggier qua azzjonista tas-socjeta` Central Holidays (Travel & Tourism) Limited talbet lill-Bord tad-Diretturi jghajjtu laqgha generali straordinarja tas-socjeta` Central Holidays (Travel & Tourism) Limited sabiex jigi diskuss inter alia t-tnehhija ta` Amadeo Balzan minn direttur ta` din il-kumpannija ;*

*12) Illi nfatti Amadeo Balzan ittenta jwaqqaf din il-laqgha gudizzjarjament darbtejn u senjatament permezz ta` mandat ta` inibizzjoni numru 1129/08 fl-ismijiet Amadeo Balzan v. Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u kif ukoll permezz ta` rikors, fl-istess ismijiet, qua azzjonist minoritarju ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta (Rik Nru. 758/2008) fl-istess ismijiet ;*

*13) Illi l-Prim` Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta` Amadeo Balzan fiz-zewg proceduri u kkonfermat illi l-appellanti ghandhom kull dritt li jnehhu lil Amadeo Balzan mill-kariga ta` direttur fis-socjeta` Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u ghaldaqstant il-konvenut Amadeo Balzan tnehha minn direttur tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel & Tourism) Limited b`effett mit-18 ta` Settembru 2008 ;*

*14) Illi ghaldaqstant huwa manifest illi l-intenzjoni tal-intimati kienet illi klandestinament u dolozament joholqu messa in scena b`dan illi jigi konkluz kuntratt illi jipprova jaghti l-impressjoni illi jezistu xi drittijiet favur tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel Agents & Organisers) Limited in konnessjoni mal-fond li huwa proprjeta` esklussiva tas-socjeta` attrici, u per konsegwenza in frode ghad-drittijiet tal-istess socjeta` attrici ;*

*15) Illi dawna l-fatti l-esponenti tafhom personalment.*

*Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m`ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tal-kumpannija attrici illi qieghda hawn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-iskrittura tal-15 ta` April 2008 bejn is-socjetajiet konvenuti (kopja ta` liema qed tigi annessa bhala Dok AP1) saret b`qerq u bi frodi tad-drittijiet tal-kumpannija attrici ;*

*2) Tiddikjara, konsegwentement, illi l-imsemmija skrittura hija nulla u bla effett ;*

*3)  Tordna, konsegwentement, illi l-imsemmija skrittura tigi rexxissa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u occorrendo tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-kumpanniji intimati jekk ikun il-kaz li jehtieg li tigi redatta skrittura ta` rexissjoni.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti kollha illi huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni u b`rizerva ghall-kwalunkwe azzjoni ohra, inkluza dik ghad-danni spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti fit-11 ta` Novembru 2010 li taqra hekk :–

*1.  ILLI t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kuntratt mertu tal-kawza de quo huwa kuntratt perfettament validu u skond il-ligi u ma hemm assolutament ebda lok ta` dikjarazzjoni ta` nullita` tal-istess kuntratt kif allegat mir-rikorrenti. Il-ftehim tal-15 ta` April 2008 huwa ftehim perfettament konformi mal-ligi sia mil-lat ta` forma u kemm minn dak ta` sustanza.*

*2.  ILLI fit-tieni lok u bla pregudizzju ir-rikors promotur huwa generiku u nebuluz u r-rikorrenti hija minn issa mitluba tiddikjara liema azzjoni qeghda tezercita u cioe jekk hux dik bazata fuq vizzju tal-kunsens jew l-azzjoni pawljana. Dana qieghed jinghad sabiex una volta jigi dikjarat liema azzjoni qeghda tigi esperita.*

*3.  ILLI fit-tielet lok l-azzjoni attrici hija preskritta u l-konvenuti jiddikjaraw li jkun f`posizzjoni li jindikaw l-artikolu tal-ligi idoneu hekk kif l-atturi jiddikjaraw liema azzjoni qed tigi proposta.*

*4.  ILLI, fir-raba` lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ma jezisti ebda frodi jew qerq min-naha tal-konvenuti kif allegat mir-rikorrenti. Jekk hemm xi frodi dan huwa biss min-naha attrici li kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza Alexandra Balzan Ruggier li halfet ir-rikors promotur de quo qeghda tilbes zewgt ikpiepel fil-vesti tal-kumpannija taghha Amber Properties Limited (is-socjeta` rikorrenti) u iehor meta bhala direttrici u socja tal-kumpannija konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035) minflok qeghda taghmel minn kollox biex tissalvagwardja l-interessi ta` din l-ahhar kumpannija, qeghda taghmel minn kollox biex, b`manuvri ma` missierha, proprju teqridha u*

*dan jidher car mill-mod kif is-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035) thalliet litteralment bla difiza kwalunkwe mill-imsemmija Alexandra Balzan Ruggier u missierha Oliver Ruggier (li kienu u ghadhom id-diretturi taghha) quddiem il-Qorti fil-kawza msemmija fir-rikors promotur 113/08 LFS u minn issa qed jintalab l-allegazzjoni ta` dan il-procss sabiex din l-Onorabbli Qorti tara mhux biss il-bran li ghogobha ssemmi l-attrici minn dik il-kawza imma l-process kollu.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz ma jezistux l-estremi li trid il-ligi u l-gurisprudenza biex tirnexxi l-azzjoni attrici fil-kaz de quo.*

*6. Illi r-rikorrenti m`ghandha ebda interess guridiku tippromwovi l-kawza de quo ghaliex m`hiex parti mill-ftehim in kwistjoni kif lanqas Amadeo Balzan u Alfred Balzan personalment ma kellhomx jigu citati bhala konvenuti in kawza peress li huma agixxew dejjem f`isem u in rapprezentanza tas-socjetajiet intimati.*

*7. Illi di piu` jigi rilevat illi ai termini tal-istess kuntratt tal-15 ta` April 2008 kull kwistjoni rigwardanti l-kuntratt de quo kellha l-ewwel tigi ndirizzata bil-procedura ta` medjazzjoni u biss wara setghu jinbdew proceduri kontenzjuzi ai termini tal-klawsola 10.5.*

*8. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` rikorrenti gja nstabet hatja ta` spoll fil-konfront tas-socjeta` intimata fil-kawza 1230/08 JA li ntilfet mis-socjeta` rikorrenti proprju abbazi tal-ftehim de quo. Ghal kull buon fini din il-kawza tinsab pedenti fl-appell.*

*9. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*BL-ISPEJJEZ kollha kontra l-atturi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti mahlufa, u l-lista tax-xhieda ndikati fir-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda ta` Audrey Ghigo (ghal HSBC Bank Malta plc), Romuald Attard (ghal Bank of Valletta plc), Jennifer Debono (ghall-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig), u Av. Claudette Fenech (ghar-Registratur tal-Kumpanniji) fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2011, u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt is-seduta.

Semghet ix-xiehda ta` Alexandra Balzan Ruggier fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011, u rat id-dokument li kien esebit waqt is-seduta.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Oliver Ruggier fl-udjenza tad-9 ta` Jannar 2012, u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt is-seduta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fl-udjenza tas-17 ta` Mejju 2012.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Amadeo Balzan, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Alexandra Balzan Ruggier fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-15 ta` Frar 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Oliver Ruggier fl-udjenzi tas-7 ta` Marzu 2013 u tat-13 ta` Gunju 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Alexandra Balzan Ruggier imsejha biex tixhed mill-konvenut Amadeo Balzan fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Alfred Balzan fl-udjenza tas-7 ta` April 2014.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Joseph Oliver Ruggier fl-udjenza tal-10 ta` Gunju 2014.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Alfred Balzan, ta` Joseph Oliver Ruggier u ta` Alexandra Balzan Ruggier fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet kollha, bl-eccezzjoni tal-konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Audrey Ghigo** ghal HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-bank m`ghandux kontijiet bankarji mahruga f`isem **Central Holidays (Travel Agents and Organisers Ltd) [minn issa `l quddiem tissejjah "Central Two"]**.

Xehdet illi fil-kaz ta` **Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd [minn issa `l quddiem tissejjah "Central One'**] din kellha : (i) *current account* bin-numru 027056621001 li kellu numru qadim 271009119 li nfetah fl-24 ta` Jannar 2000 ; (ii) *loan account* bin-numru 027056621340 li nfetah fl-10 ta` Novembru 2008 ; (iii) *savings account* bin-numru 016216369050 li nfetah fit-3 ta` Ottubru 2006 u li nghalaq fl-20 ta` Marzu 2010 ; u (iv) kont iehor bin-numru 027056621340 li nfetah fis-17 ta` Gunju 2003 u nghalaq fl-20 ta` Ottubru 2005.

Tghid illi fid-19 ta` Jannar 2000, il-firmatarji kienu Amadeo Balzan u Alessandra Balzan Ruggier *jointly* ; in segwitu, sar tibdil fid-9 ta` Novembru 2006 fis-sens illi Amadeo Balzan u Alexandra Balzan Ruggier gew *either to sign*.

**Romuald Attard** ghal Bank of Valletta plc xehed illi Central One kellha erba` kontijiet : (i) *current account* bin-numru tal-kont 17201839018 ; (ii) *current account* bin-numru tal-kont 40015851246 ; (iii) *savings account* bin-numru tal-kont 40015851657 ; u (iv) *current account* bin-numru tal-kont 40017516767. Fil-kaz tal-ewwel tliet kontijiet, il-firmatarji kienu Amadeo Balzan u Alexandra Balzan ; seta` jiffirma xi hadd minnhom. Fil-kaz ta` l-ahhar kont, il-firmatarji kienu Amadeo Balzan, Alexandra Balzan u Dr Anthony Cassar.

Qal illi ghal cheques sal-ammont ta` €200, seta` jiffirma Amadeo Balzan wahdu.

Stqarr illi Central Two kellha *savings account* bin-numru 40017097875. Il-kont kien ghadu miftuh. Kien hemm ukoll *current account* bin-numru 40017097901. Iz-zewg kontijiet kellhom *sole signatory* u dan kien Amadeo Balzan.

**Jennifer Debono** ghall-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig ipprezentat lista ta` impjegati registrati fl-isem ta` Central One u ta` Central Two, kif ukoll l-*employment history* ta` Amadeo Balzan. Mid-dokumenti, ghandu jirrizulta min huma l-impjegati li ghadhom impjegati, izda mhux se jirrizulta jekk kienx hemm movement ta` impjegati.

**Av Dr Claudette Fenech** ghar-Registratur tal-Kumpanniji ipprezentat dokumenti relatati ma` Central One u ma` Central Two. Mistoqsija dwar kienx jirrizulta mid-dokumenti min kien hallas il-kapital inizjali tas-socjeta`, hija stqarret illi l-*bankslip* originali tohorg minghajr dik l-informazzjoni ; li jitynizzel huwa biss li tkun *a company in formation.* Qalet illi ma jinzammx *record* ta` min hallas biex tkun saret kumpannija. Fil-kaz ta` Central Two, jirrizulta li certa Valerie Stephenson marret il-bank ; jidher li harget *bank deposit slip* f`isimha bl-ammont ikopri l-*issued share capital.* Din l-istess Stephenson ipprezentat id-dokumenti lir-Registratur.

**Alexandra Balzan Ruggier** xehdet illi hija direttur tas-socjeta` attrici u ta` Central One. Tghid illi ma kienet taf xejn dwar il-kuntratt tal-15 ta` April 2008 li sar bejn Central One u Central Two. Saret taf bil-kuntratt wara li Amadeo Balzan ipprezenta kawza ta` spoll kontra taghha bhala direttur tas-socjeta` attrici. Il-kawza ta` spoll saret wara kawza ta` zgumbrament li pprezentat hi. Waqt il-kawza ta` zgumbrament, ma saret l-ebda riferenza ghall-kuntratt tal-15 ta` April 2008. Skond dan il-kuntratt, kienet assenjata proprjeta` li s-socjeta` attrici ghandha go St George`s Road, Paceville. Fuq il-kuntratt dehru Amadeo Balzan u Alfred Balzan. Amadeo Balzan kien direttur ta` Central One filwaqt li Alfred Balzan li jigi missier Amadeo Balzan huwa direttur ta` Central Two. Din tal-ahhar kienet iffurmata fit-28 ta` Marzu 2008. Il-kawza ta` zgumbrament saret fil-5 ta` Frar 2008 mis-socjeta` attrici. Ghalkemm din il-kawza, ghaddiet in gudikat, kienet ritrattata. L-azzjonisti ta` Central Two huma Amadeo Balzan u Alfred Balzan. Qalet illi Central One ghandha *minority shareholding* go Central Two.

Kompliet tixhed illi l-ufficcju registrat ta` Central Two huwa 113, St George`s Road, Paceville. Tghid illi bil-kuntratt de quo, Central One ghaddiet lil Central Two n-negozju kollu li kellha. Central One ma kellha l-ebda titolu ghall-fond 113, St George` s Road, Paceville, billi dak il-fond kien propjeta` tas-socjeta` attrici. Ma` Central One kien hemm impjegata. L-impieg taghha ntemm ad insaputa taghha u bdiet tahdem mill-ewwel ma` Central Two. Ghalkemm Central One kienet taghmel uzu mill-fond go Paceville propjeta` tas-socjeta` attrici ma kellha l-ebda titolu ta` kera jew ta` usufrutt.

Stqarret illi Central One ma ghamlet l-ebda gwadann billi somma ta` €12,000 li dahlet ghand Central One rega` nharget minn Amadeo Balzan. Dan huwa kkonfermat mill-*statements* tal-bank a fol 318 tal-process. Hemm jidher illi fis-17 ta` Settembru 2008 sar depozitu ; dakinhar stess il-flus depozitati

kienu zbankati minn Amadeo Balzan. Is-socjeta` attrici ma hadet xejn minn din il-procedura. Illum il-gurnata Central Two dahlet fil-post bla titolu.

Fil-**kontroezami**, Alexandra Balzan Ruggier ikkonfermat li Central One kienet ilha topera n-negozju taghha mill-fond 113, St George`s Street, Paceville mill-2000 jew 2001. Wara li sari l-kuntratt li tieghu qeghda tintalab l-impunjazzjoni, Amadeo Balzan tnehha minn direttur ta` Central One fis-sajf ta` l-2008. Tishaq illi hi u missierha Joseph Oliver Ruggier huma azzjonisti ta` Central One. Id-decizjoni li jitnehha Amadeo Balzan minn direttur ittiehdet hekk kif hi u missierha saru jafu bil-kuntratt de quo waqt il-kawza ta` spoll. Hija spjegat li meta saret l-ewwel kawza ta` zgumbrament, Amadeo Balzan kien diga` tnehha minn direttur. F`dik il-kawza l-ewwel talba kienet ammessa. Cahdet illi Amadeo Balzan kellu dokumenti li bihom seta` juri li Central One kellha titolu ghall-post ta` Paceville. Central One kellha dejn sostanzjali ma` nies li kienet topera maghhom. Fil-mument meta sar il-kuntratt de quo, Central One kien ghad kellha dejn mal-fornituri taghha.

In **riezami,** Alexandra Balzan Ruggier xehdet illi dan id-dejn ta` Central One kien ghadu qed jithallas kull xahar. Dan id-dejn ma giex assenjat bil-kuntratt ghaliex skond il-kuntratt ghadda biss l-attiv u mhux ukoll il-passiv.

**Alexandra Balzan Ruggier issejhet biex tixhed mill-konvenuti.**

Qalet illi d-*day to day running* ta` Central One kien f`idejn Amadeo Balzan. Is-socjeta` kellha impjegata biex tilqa` n-nies. Tghid li Balzan kien icemplilha sabiex jiehu pariri minghandha, u sabiex hija tiffirma li jkun hemm bzonn. Wara li beda l-inkwiet fiz-zwieg ta` bejnha ma` Amadeo Balzan, tal-ahhar baqa` jahdem ma` Central One. Meta biz-zmien bdiet tintebah li ma kienx hemm trasparenza, allura hadet azzjoni. Mill-kumpannija hija hadet €300 sabiex tmur ghal btala mas-sieheb taghha. Hadet dawk il-flus ghaliex hekk ukoll kien jaghmel Amadeo Balzan. Minn hemm hallset ukoll il-mizati tal-iskejjel tat-tfal, u dan bl-awtorizzazzjoni ta` Amadeo Balzan. Hija kellha *credit card* ghall-uzu personali taghha.

Kompliet tixhed illi fil-kumpannija kien hemm hafna tgerfix. L-impjegata rrifjutat li taghtiha rendikont. In segwitu din ma` baqghet tahdem ma` Central One u bdiet tahdem ma` Central Two. Qabel beda l-inkwiet taz-zwieg ma` Amadeo Balzan, hija kienet tiffirma *blank cheques*. Wara li nqala` l-inkwiet, hija ma baqghetx tiffirma *cheques* b`dak il-mod u bdiet tinsisti li tinghata rendikont. Tghid illi meta ghamlet il-kawza sabiex tizgombra lil Central One mill-post ta` Paceville ma kenitx ghadha taf bl-esistenza ta` Central Two.

Kienet domandata jekk tafx li somma ta` €12,000 li thallset bhala kera effettivament intuzat biex thallsu Virtu Ferries li kellhom kreditu kontra Central One. Ghal din id-domanda, hija wiegbet illi ma kenitx taf jekk id-debitur kenitx Central One jew Central Two. L-invoice relattiva harget fuq isem Central Holidays biss, bl-indirizz tal-post ta` Paceville bid-data ta` Awissu 2008. Ikkonfermat li Central One kellha djun ghal kiri ta` karozzi kif ukoll mas-socjeta` Captain Morgan. Meta ppruvat tindaga ma` Virtu Ferries dwar id-dejn li kellha Central Holidays, it-twegiba li tawha kienet illi huma jittrattaw ma` Amadeo Balzan biss. Lanqas kredituri ohra ma tawha rendikont. Qalet illi fl-2010 hija ppruvat tikri l-post ta` Paceville ghal Lm 40 kuljum. In segwitu hija kriet il-post ghal sittax-il sena b`kera li kellha toghla sa Lm 50 kuljum. Mill-kirja Central One ma hadet xejn ; lanqas Central Two.

**Joseph Oliver Ruggier** xehed illi huwa azzjonista ta` Central One u sar direttur taghha f`Settembru 2008. Il-fond 113, St George`s Road, St Julians, huwa proprjeta` ta` s-socjeta` attrici ghaliex Ruggier Holdings Company Limited tat b`cens perpetwu l-propjeta` lis-socjeta` attrici. L-unika azzjonista u direttur ta` s-socjeta` attrici hija bintu Alexandra Balzan Ruggier. Central One kienet tokkupa l-fond de quo b`tolleranza.

Kompla jixhed illi fil-5 ta` Frar 2008, is-socjeta` attrici pprezentat kawza ghall-izgumbrament ta` Central One mill-fond 113, St. George`s Road, Paceville. Kemm qabel kif ukoll wara li saret il-kawza, Central One kienet qeghda tallega li kellha titolu ta` kommodat. Dak iz-zmien id-decizjonijiet kien qed johodhom Amadeo Balzan li ma riedx jivvaka l-post. Fil-15 ta` April 2008, sar *management agreement* bejn kumpannija li saret apposta u cioe` Central Two u Central One. Central Two kienet kostitwita fit-28 ta` Marzu 2008 u cioe` ftit wara li saret il-kawza ta` zgumbrament. Fil-kors tal-kawza ta` zgumbrament, qatt ma saret riferenza ghal dan il-*management agreement.*

Stqarr illi wara li kienet deciza l-kawza ta` zgumbrament favur is-socjeta` attrici, sar mandat ta` zgumbrament kontra Central One, li kien notifikat lil Central Two u lil Amadeo Balzan personalment. Central Two ma ghamlet l-ebda opposizzjoni. In segwitu saret kawza ta` spoll minn Central Two wara li Central One ma baqghetx fil-fond. Kien f`din il-kawza li sar jaf bil-*management agreement.* Il-kawza ta` spoll kienet deciza favur Central Two. Ghalhekk Central Two kellha tibqa` fil-post. In segwitu s-socjeta` attrici pprezentat kawza ta` zgumbrament kontra Central Two li ghadha pendenti.

Stqarr illi Amadeo Balzan tnehha minn direttur ta` Central One billi kien qed imexxi hazin. Ma kienx qed ighaddi informazzjoni lill-azzjonisti. Mill-*audited accounts*, kien jirrizulta li Central One kien qed ikollha qligh mizeru ta` Lm 300 jew Lm 400 f`sena. Saru jafu wkoll li kien fetah kont bankarju sigriet. Amadeo Balzan tnehha minn direttur waqt laqgha straordinarja ta` Central One. Fil-laqgha ma ssemmiex il-*management agreement.* Amadeo Balzan

ittenta jwaqqaf it-tnehhija tieghu minn direttur ta` Central One pero` ma kienx irnexxielu. L-azzjonisti ta` Central Two kienu Alfred Balzan u Central One. Huwa ma kienx jaf li Central One kienet azzjonista ta` Central Two. L-ufficcju registrat ta` Central Two kien 113, St George`s Road, San Giljan.

Fisser illi skont il-*management agreement,* Central One kellha tiehu kera ta` hames snin ammontanti ghal €12,000. Dawn il-flus tpoggew go kont li ma kienx dak maghruf u ufficjali tas-socjeta`. Il-kont tal-bank ta` Central One kien mal-HSBC. Pero` it-€12,000 kienu depozitati go kont fil-Bank of Valletta fejn l-uniku firmatarju kien Amadeo Balzan. Skont il-kont ufficjali tas-socjeta`, kellhom jiffirmaw zewg firmatarji. Amadeo Balzan gibed il-flus mill-kont tal-BOV. Effett tal-*management agreement,* Amadeo Balzan nehha l-attiv ta` Central One u hallielha l-passiv.

Kompla spjega illi l-*overdraft* ta` Central One kien *overdrawn.* Billi l-kumpannija ma kellhiex fondi, kellu jaghti garanzija personali hu stess. L-*overdraft* inqaleb f` *loan.* Beda jhallas huwa personalment b`rata ta` €1,050 kull xahar.

**Joseph Oliver Ruggier issejjah biex jixhed minn Amadeo Balzan.**

Waqt din id-deposizzjoni, huwa xehed illi meta tnehha Amadeo Balzan minn direttur, kienet ghaddejja l-kawza ta` separazzjoni personali bejn bintu Alexandra u Amadeo Balzan. Wara li tnehha Amadeo Balzan minn direttur, il-post ta` St George`s Road baqa` maghluq ghal madwar sena u nofs. Sakemm kienet deciza l-kawza ta` spoll, il-post intuza bhala store minn certu Charlie Camilleri li hallas kera ta` Lm 40 kuljum. Ma setax ighid jekk din il-kera kenitx tidher fil-kontijiet ta` Central One. Qal illi llum Central One mhijiex topera.

Ix-xhud stqarr illi huwa gieli kien prezenti meta Amadeo Balzan irrifjuta li jghaddi l-informazzjoni dwar Central One lil bintu Alexandra Balzan Ruggier. Cahad illi l-familja ta` Amadeo Balzan kienet qeghda tghix minn fuq Central One. Meta Amadeo Balzan tnehha minn direttur, kienu nzammu minuti ta` l-loaqgha generali straordinarja tas-socjeta`. Amadeo Balzan inghata d-dritt li jirrispondi ; il-legali tieghu kien prezenti waqt il-laqgha.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Joseph Oliver Ruggier stqarr illi huwa kien silef il-post ta` Paceville lil Central One bl-intendiment li jekk ikollu bzonn tieghu, il-fond jinghata lura, kif ukoll illi l-post jintuza bhala ufficcju. Qal illi llum Central Two mhux biss qed izzomm il-post izda ghandha t-*trading license* ta` Central One. Ighid illi huwa qatt ma accetta li Central One kellha titolu ta` kommodat ghall-fond de quo.

**Amadeo Balzan** xehed illi Central One kienet kumpannija tal-familja tieghu. Meta zzewweg lil Alexandra Ruggier, kienu ftehmu li talli l-familja tal-mara joffru l-post ta` Paceville, huma accettaw li l-ishma ta` Central One jinqasmu nofs bin-nofs. Meta sar il-ftehim u cioe` fl-1991, ma setax ikun hemm zewg azzjonisti mizzewgin ; ghalhekk dahal fix-xena missier Alexandra, Joseph Oliver Ruggier li ha 2% tal-ishma. B`hekk l-ishma ta` Central One inqasmu billi Amadeo Balzan ha 49% minnhom ; l-istess hadet Alexandra Ruggier ; waqt li r-rimananti 2% hadhom Joseph Oliver Ruggier.

Kompla jixhed illi huwa dejjem ipprova jinvolvi lill-mara tieghu fin-negozju izda hija qatt ma uriet interess. L-inkwiet fiz-zwieg mal-mara tieghu beda meta hija tat bidu ghal relazzjoni adultera ma` Brian Azzopardi.

Stqarr li skont l-istatut ta` Central One, huwa kellu d-dritt li jiffirma ghall-kumpannija. Ghar-rigward tac-cheques tal-HSBC, kienu jigi ffirmati minnhom it-tnejn, tant kemm kien jinsisti hu. Ghar-rigward tac-cheques tal-BOV, kien hemm arrangement ta` `*either/or*`.

Sostna illi kienet il-mara tieghu li bdiet tiehu l-flus tal-kumpannija mill-kontijiet li kienu `*either/or*` biex tuzahom mas-sieheb taghha. Fost ohrajn, huwa jghid li l-mara tieghu siefret ma` s-sieheb taghha f`Settembru 2007 u uzat il-*credit cards* u l-kontijiet tal-kumpannija. Meta waqfet milli tiffirma c-cheques tal-HSBC, ighid li ghamlet hekk sabiex tipprova tkisser il-kumpannija peress li dawk kienu *both to sign.*

Qal illi huwa ma setax jibqa` juza l-kont bankarju li kien jopera `*either/or*` billi kien qed jintuza mill-mara tieghu ghall-affarijiet personali taghha. Kien ghalhekk li fetah kont bankarju separat fejn seta` jiffirma hu biss. Ighid illi ghalkemm fetah il-kont f`ismu personali, kien ghall-beneficcju tal-kumpannijia. Tant dan huwa hekk illi l-kont huwa msejjah *Amadeo Balzan a/c Central Holidays (Travel & Tourism) Ltd.* Insista li l-kont infetah fl-interess tal-kumpannija. Sostna li mir-*records* jidher li l-kont kien jintuza ghan-negozju tal-kumpannija biss.

Kompla fisser illi f`Jannar 2008, il-mara tieghu ma baqghetx tiffirma cheques li kienu *both to sign* mal-HSBC. Billi kellha c-cwievet tal-ufficcju, fil-lejl ta` bejn l-20 u 21 ta` Novembru 2008, dahlet fil-ufficcju, u hadet *filing cabinet* u affarijiet ohra propjeta` ta` Central Two. Fil-lejl ta` bejn il-25 u 26 ta` Novembru 2008, nehhiet l-alarm, hadet l-ghamara u l-kompjuters, halliet l-ufficcju vojt, u pparkjat zewg karozzi go fih. Kien ghalhekk li huwa pprezenta l-kawza ta` spoll li kienet deciza favur tieghu. Ighid illi l-mara tieghu hadet xi *files* ta` l-*accounts* fil-presenza ta` l-impjegata, peress li dawn qatt ma kienu msakkrin, u kienu dejjem accessibbli. Isostni li l-mara tieghu ppruvat kemm-il darba li tbezza` lill-

impjegata biex thalli x-xoghol sabiex il-kumpannija ma tkunx tista` topera aktar. Minhabba dawn ic-cirkostanzi gravi, huwa deherlu li kellu jipprotegi almenu r-*running concern* tal-kumpannija billi skond hu l-mara tieghu kienet qeghda tipprova tkisser il-kumpannija ; kien ghalhekk li sar il-*management agreement.* Ighid illi huwa kien hu l-uniku direttur li kellu ghal qalbu l-interess veru ta` l-kumpannija. Din kienet *a going concern*, kellha l-isem u reputazzjoni tajba, u kienet imqabbda fin-negozju.

**Alfred Balzan** xehed illi huwa direttur u azzjonista ta` Central Two pero` ibnu Amadeo Balzan wahdu kien il-firmatarju. Central Two kienet iffurmata fil-15 ta` April 2008. Ighid illi huwa kellu sehem minn Central One imma meta izzewweg ibnu Amadeo, huwa ried jiehu l-kumpannija mil-lukanda fejn kienet topera fil-Mosta. Huwa zamm biss 2% tal-kumpannija. In segwitu ibnu talbu jaghtih anke dawk it-2% u huwa accetta bil-patt li jibqa` jzomm il-kumpannija ghaddejja. It-2% marru ghand missier il-mara ta` ibnu. Meta beda l-inkwiet bejn ibnu u martu, il-maggoranza ta` l-ishma ta` Central One kienu f`idejn il-mara ta` ibnu u tas` missierha, ghalkemm baqa` l-*managing director*. Meta ibnu Amadeo ntebah li kien ser jispicca bla xoghol, ittiehdet decizjoni li ssir Central Two li effettivament hadet it-tmexxija ta` n-negozju ta` Central One. Insista li Central Two kienet kostitwita sabiex ihalli lil Central One hajja b`ibnu jibqa` joperaha fl-istess hin. Ighid li Alexandra Balzan ma kienet bl-ebda mod involuta fil-holqien ta` Central Two. Skond il-ftehim ta` bejn Central One u Central Two, Central Two kellha thallas lil Central One kumpens ghall-uzu tal-post ta` Paceville.

Fil-**kontroezami**, Alfred Balzan ikkonferma li l-kuntratt sar sabiex t-tmexxija tan-negozju jibqa` jsir minn ibnu Amadeo. Ir-reazzjoni ghall-*management agreement* kienet it-tnehhija ta` ibnu Amadeo minn direttur ta` Central One.

## III. It-tieni eccezzjoni

It-tieni eccezzjoni taqra hekk :-

*ILLI fit-tieni lok u bla pregudizzju ir-rikors promotur huwa generiku u nebuluz u r-rikorrenti hija minn issa mitluba tiddikjara liema azzjoni qeghda tezercita u cioe jekk hux dik bazata fuq vizzju tal-kunsens jew l-azzjoni pawljana. Dana qieghed jinghad sabiex una volta jigi dikjarat liema azzjoni qeghda tigi esperita.*

Huwa minnu li fil-premessi tar-rikors guramentat ma kienx daqstant car x`tip ta` azzjoni kienet qeghda tigi istitwita. Fl-istess waqt pero` jrid jinghad illi t-talbiet li tressqu huma identici ghal dawk li solitament isiru fl-azzjoni pawljana.

Tajjeb jinghad ukoll illi fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti ghamlu sottomissjonijiet, kemm jekk il-kawzali kienet il-kawza illecita, kemm jekk il-kawzali kienet is-simulazzjoni, u kif ukoll jekk kienet l-azzjoni pawljana.

Fl-istadju tas-sottomissjonijiet bil-fomm, kien sottolineat mis-socjeta` attrici illi l-kawza kienet l-azzjoni pawljana. Propju ghalhekk il-konvenuti ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom propju dwar dik l-azzjoni.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizultawx l-estremi sabiex din ir-rikors guramentat jigi dikjarat null billi ma jezistux ragunijiet validi u gravi bizzejjed li jammontaw ghal pregudizzju ghad-difiza tal-kovenuti. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi n-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali – ta` l-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk l-att promotur tal-azzjoni ghandu jaqa` u jigi annullat biss ghal ragunijiet gravi (ara : Qorti tal-Appell : 28 ta` April 1978 : "**<u>Teresa Vella vs Salvatore Conti</u>**" ; u Prim`Awla tal-Qorti Civili : 21 ta` Frar 1997 : "**<u>Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri</u>**" fost ohrajn).

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-konvenuti ma rrizultax li kienu prekluzi milli joffru difiza kontra l-azzjoni attrici.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni.**

## IV. <u>It-tielet eccezzjoni</u>

It-tielet eccezzjoni taqra hekk :-

*ILLI fit-tielet lok l-azzjoni attrici hija preskritta u l-konvenuti jiddikjaraw li jkun f`posizzjoni li jindikaw l-artikolu tal-ligi idoneu hekk kif l-atturi jiddikjaraw liema azzjoni qed tigi proposta.*

Dwar din l-eccezzjoni, il-konvenuti ma ressqu l-ebda provi.

Lanqas ma ghamlu referenza ghal din l-eccezzjoni fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom jew fis-sottomissjonijiet taghhom tal-ahhar bil-fomm.

Baqghu sal-ahhar il-konvenuti ma ndikawx l-artikolu tal-ligi li abbazi tieghu kienu qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi ladarba jibqa` mhux indikat l-artikolu li fuq l-konvenut ikun qieghed jistrieh ghall-fini ta` preskrizzjoni, l-eccezzjoni ma tkunx tista` tigi akkolta billi l-Qorti hija prekluza milli timla l-vojt li jkun halla l-eccipjent.

Fis-sentenza li tat fit-22 ta` Gunju 2005 fil-kawza "**<u>Joseph Gauci vs Saviour Farrugia</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :

*"Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju li tTribunal iddecieda malament il-punt legali relattiv ghalleccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata. Huwa jissottometti illi l-Kodici Civili mkien ma jimponi illi meta tigi eccepita preskrizzjoni ghandu jigi ndikat specifikament kemm l-artikolu kif ukoll is-subartikolu. F` kull kaz issa in sede appell huwa jippreciza li l-artikolu tal-preskrizzjoni minnu mahsub kien is-subinciz (c) ta` l-Artikolu 2149 minnu citat ; Riferibilment ghall-gravam imqanqal fir-rikors ta` l-appell mill-konvenut, jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d` ufficio il-fatti kostituttivi ta` eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista` l-gudikant jassumi d` ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta; Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata millappellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f` materja ta` preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta` preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista` tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta` kuxjenza" – Kollez. Vol. XXXIII P I p 481 ; Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip talpreskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta` indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f` dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b` mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f` ben hames incizi distinti jiprospetta lpreskrizzjoni ta` azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta` Marzu 1977; Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta` indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tatTribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud"*

Fis-sentenza li tat fl-10 ta` Lulju 2003 fil-kawza "**Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo**" din il-Qorti (**PA/GC**) qalet :-

*"l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista` qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu."*

Fl-istess sens kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd**" fejn inghad illi :-

*"Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti intressata f` forma specifika. Ara decizjonijiet a Vol. XXXIII P I p 481 u Vol. XLI P I p 178, Effettivament is-socjeta` konvenuta ma specifikat l-ebda artikolu tal-ligi li jghodd ghal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili."*

**Ghalhekk qeghda tichad it-tielet eccezzjoni wkoll.**

## V. L-azzjoni attrici

### 1) Dritt

**L-Art 1144 tal-Kap 16** jaqra hekk :-

*(1) Kull kreditur jista` wkoll, f`ismu, jattakka l-atti maghmula b`qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni, taht id-disposizzjonijiet tal- artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b`titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur .*

Tenut kont tal-mod kif kienet impostata l-kawza, sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici (ara : **Torrente** : "**Manuale di Diritto Privato**" : Ottava Edizione : Pg. 455) iridu jigu ppruvati :-

i) l-*eventus damni* ;

ii) il-*consilium fraudis* ;
iii) il-*partecipatio fraudis.*

## 2) <u>Gurisprudenza</u>

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/MC</u>**) fit-30 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**<u>Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs John Mary Bugeja et</u>**" jinghad hekk :-

*"Din il-Qorti tqis il-kwistjoni b`dan il-mod. L-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq l-azzjoni pauliana, ai termini tal- artikolu 1144 tal-Kapitolu 16. Din l-azzjoni hi miftuha 'ghal kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni b`mod li jista` jisparixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta` haddiehor b`atti kompjuti mid-debitur' (ara f`dan is-sens '<u>Zammit Tabona Moira vs Silmar Limited et</u>' PA 13/02/2003 TM).*

*L-iskop tal-azzjoni hu sabiex il-kreditur li jhoss ruhu ppregudikat b`att jew atti tad-debitur, jerga` jpoggi lid-debitur fl-istat li kien qabel ma ghamel dawk l-atti.*

*Hi azzjoni principalment bejn il-kreditur fis-sens ta` tali terminu u d-debitur fejn il-kreditur irid jipprova li l-att tad-debitur li qed jigi impunjat iddiminwixxa l-patrimonju tad-debitur bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur, liema att irrenda lid-debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli, tal-ahhar, prova negattiva li trid tigi meghluba mid-debitur.*

*Inoltre trid tigi ppruvata wkoll ix-xjenza da parti tad-debitur li bl-att tieghu qed jigu pregudikati d-drittijiet tal-kreditur.*

*L-azzjoni hi ghalhekk principalment intiza biex terga ggib lura l-istatus quo ante bejn il-kreditur u d-debitur permezz tar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-debitur minghajr referenza jekk l-att allegatament kompjut mid-debitur kienx att uniku jew sensiela ta` atti."*

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**<u>Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et</u>**", il-Qorti tal-Appell irriteniet :-

*"L-azzjoni pawljana jew revokatorja hija moghtija lill-kredituri f`isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b`qerq mid-debituri taghhom bi hsara tad-drittijiet taghhom. Din l-azzjoni hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu.*

*Ghall-esercizzju ta` din l-azzjoni hemm bzonn taz-zewg elementi, l-'eventus damni' u l-'consilium fraudis' u meta jkun jittratta minn att b`titolu oneruz, anke l-komplicita` tat-terz kontraent.*

*Imma dan ir-rimedju ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunarjarji, imma wkoll lil kulhadd iehor li, meta jkun titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta` atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu.*

*Il-kreditu ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat bi frode ; imma din ir-regola tigi eskluza meta l-att frawdolent ikun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri …*

*L-'animus nocendi' mhux mehtieg biex tigi ezerecitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun lesiv ghall-kreditur…"*

**3) L-'*eventus damni*'**

L-*'eventus damni'* huwa sodisfatt bil-prova illi b`rizultat tal-att li qed jigi mpunjat, id-debitur jkun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta` pregudizzju ghad-drittiijiet tal-kreditur, liema att ikun irrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/NC**) fil-15 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent Pace et**" inghad hekk :-

*"L-ewwel element dak tal-eventus damni jgi sodisfatt bil-prova li, rizultat tal-att li qed jigi impunjat, id-debitur ikun sofra diminuzzjoni fil-patrimonju tieghu li tkun ta` pregudizzju ghad-drittijiet tal- kreditur, liema att jkun rrenda lill-istess debitur insolvibbli jew aktar insolvibbli.*

*'Biex kreditur jithalla jintervjeni f` kuntratt li fih hu ma kienx parti fl-ewwel lok, jrid juri li b`rizultat ta` dak l-att impunjat, id-debitur tieghu sar insolvibbli" PA. Bugeja vs Terribile deciza 7 ta` Jannar 1936 – Vol.XXIX.II.866, vide wkoll, Prim Awla (TM) PL. Adrian Borg nomine vs Agostino sive Winston Carbone noe deciza 30 ta` Mejju 2002 ;*

*Illi inoltre 'id-duttrina u l-gurisprudenza pero` ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jesawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista`, jekk irid, ixejjen l-azzjoni paoliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista` jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli" Qorti Kum. Hare vs Diacono deciza fid-29 ta` Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789."*

Fil-p.232 n.243 ta` "**Corso di Diritto Civile**", Francesco Ricci jikkwalifika bhala *pregudizzju* :

*"Il danno pertanto o pregiudizio che i creditori debbono risentire dall`atto compuito dal debitore, non puo` consistere in altro se non nella diminuzione della guarentigia ad essi accordata, diminuzione che compromette la esigibilita` dei loro crediti"*

4) **<u>Il-'*consilium fraudis*'</u>**

Il-*consilium fraudis* huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Ghall-fini ta` dan ir-rekwizit mhuwiex mehtieg l-*animus nocendi.* (ara : Kollez. Vol. XXIX.II.866 : "**<u>Bugeja vs Terribile</u>**" : 7 ta` Jannar 1936).

Il-konsapevolezza tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara lid-drittijiet tal-kreditur tieghu taghti lok ghal presunzjoni tal-intenzjoni frawdolenti "*ghax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b`dankollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett*". (ara : Appell Civili – "**<u>Vella vs Vella et</u>**" - 27 ta` Frar 2003).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**<u>Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Vincent Pace et</u>**" (op. cit.) inghad ukoll hekk :-

*"It-tieni element dak tal-consilium fraudis huwa sodisfatt bil-prova tax-xjenza li bl-att tad-debitur qed jigu ppregudikati d-drittijiet tal-kreditur. Mhux rikjesta l-prova tal-animus nocendi. L-element tal-consilium fraudis jikkonsisti fix-xjenza illi bl-att tkun qeghda tigi determinate l-insolvenza jew imnaqqsa s-solvibilita` tad-debitur,u ma jirrikjedix l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur. Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghal presunzjoni ta l-intenzjoni frawdolenti "ghax min ikun jaf bl-effett ta` xi att, u b` dankollu jirid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid wkoll dak l-effett.*

*Izda ghajr il-prova tax-xjenza tal-effetti tal-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur."*

Fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**<u>Anna Bellia vs Victor Grech et</u>**" tas-6 ta` Ottubru 1999", il-Qorti tal-Appell ukoll sostniet illi :

*"Il-frode f`din l-azzjoni hi element ta` sostanza u objettiv u tista` timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista` tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jittenta l-azzjoni revikatorja, ghaliex il-frode fil-kuntratt ma jistax jigi prezunt. Id-dannu jista` jkun u generalment ikun attwali u cert, imma jista` jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-krediti. Id-dannu jrid ikun idderiva direttament mill-att impunjat."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/TM**) fil-21 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Mario Camilleri vs Mario Borg et**" inghad dwar l-element in ezami :-

*"Il-frodi f`din l-azzjoni hi element ta` sostanza u objettiv u tista` timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista` tkun diretta u tista` tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jintenta l-azzjoni revokatorja ghaliex il-frodi fil-kuntratti ma tistax tigi prezunta. Id-dannu jista` jkun u generalment ikun attwali u cert imma jista` jkun ukoll tali li fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta` garanziji tal-kredituri. Id-dannu irid ikun idderiva direttament mill-att impunjat". (Vol XLV.II.700).*

*Ghad-debitur il-"consilium fraudis" jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta` l-att minnu kompjut ossia ikun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta` insolvenza jew ta` minorata solvibilita`. Ghat-terz jirrikorri l-"consilium fraudis" kull meta fil-waqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta` hsara ghall-kreditur". (Vol XXXIV.III.851)*

(ara wkoll : Qorti tal-Appell : "**Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et"** : 20 ta` Novembru 1950 ; u Prim`Awla tal-Qorti Civili : "**Carmen Mizzi vs Mabel Mizzi et**" : 5 ta` Ottubru 1994).

Ghalhekk in succint din il-Qorti tghid illi :-

a) il-frodi fil-kuntratt ma tistax tigi prezunta u ghalhekk l-onus tal-prova taghha jispetta lill-kreditur ;

b) din il-prova tista` ssir b` kull xorta ta` mezzi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, li jinkludu prezunzjonijiet u indizji li jridu jkunu gravi, precizi u konkordanti ;

c) il-frodi stess tista` tkun indiretta jew oggettiva, li tista` tikkonsisti biss fix-xjenza tad-debitur illi bl-att impunjat huwa mhux ser jibqa` fil-pozizzjoni li jilqa` b` mod sufficjenti d-dritt tal-kreditur tieghu, fis-sens li jkun bizzejjed ghall-attur li jipprova biss li d-debitur kien jaf li qed jirrendi mpossibbli jew difficli ghall-kreditur li jikkonsegwixxi dak li lilu jisthoqq in korrispondenza u bhala korollarju necessarju tad-dritt tieghu.

**5) Il-"*partecipatio fraudis*"**

Dan l-element irid jigi ppruvat meta l-att ikun oneruz. Hekk ghandu jsir fil-kaz tal-lum.

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Jannar 1954 fil-kawza "**Chircop vs Mifsud et**" din il-Qorti rriteniet illi meta l-att ikun oneruz, m`ghandhiex tirrizulta biss il-frodi tad-debitur izda anke tat-terz kontraent.

Il-Qorti qalet :-

*"Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in- notizzja lid an kellu tal-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza lid-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien se jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruhu insolvibbli, sija billi tizdied din l-insolvenza. Mela l-prova tal-fatt mhux tal-intenzjoni ghaliex l-intenzjoni li tirreka dannu mhix rekwizit tal-azzjoni."*

**6) *Locus standi***

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Jannar 1955 fil-kawza "**Calleja vs Grima et**" (Kollez. Vol. XXXIX.I.24) il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Din l-azzjoni hija moghtija lill-kredituri f`isimhom biex jattakkaw l-attijiet maghmula b`qerq mid-debituri taghhom bi hsara ghad-drittijiet taghhom. Hija akkordata biss lill-kredituri, u biex wiehed ikun kreditur, jehtieg li jkollu kreditu."*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Jannar 2002 fil-kawza "**Bongailas vs Magri et**" il-Qorti tal-Appell qalet illi : –

*"il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 huma kjarament termini generici wzati fis-sens l-aktar generali u wiesgha tal-kelma biex jikkomprendu kull min kien dahal f`xi obbligazzjoni hi x`hini favur terzi. Hija biss rifless tal-principju bazilari tad-dritt li kull min jikkontratta ma`haddiehor kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni tieghu fil-massima buona fede. Kif sewwa jenuncjaw il-guristi rumani pacta sunt servanda u fraus omnia corrumpit." Ghalkemm kien hemm zmien meta dan ir-rimedju kien moghti biss lil min ikun titolari ta` kreditu pekunjarju, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta` Novembru 1950 fil-kawza "Ciancio vs Buontempo" (Kollez. Vol. XXXIV.III.851) bidlet id-direzzjoni tal-gurisprudenza fis- sens illi tat ir-rimedju lil mara mizzewga li riedet timpunja att ta` zewgha.*

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Calleja vs Grima et**" (op. cit.) il-Qorti tal-Appell osservat illi :–

*"ir-rimedju tal-applikazzjoni tal-azzjoni revokatorja ghandu jiftiehem moghti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kull haddiehor li, meta jkun titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament, isib ruhu defrawdat permezz ta`*

*atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu."*

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**<u>Bellia vs Grech et</u>**" il-Qorti tal-Appell tghid illi l-azzjoni hija miftuha "*ghal kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni, b`mod li jista` jisperixxi l-azzjoni, kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta` haddiehor b`att kagunat mid-debitur."* (ara wkoll : Qorti tal- Appell : "**<u>Vella vs Vella</u>**" : 27 ta` Frar 2003).

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` April 2011 fil-kawza "**<u>Ta` Frenc Real Estate Limited vs L-Avukat Dottor Chris Said noe et</u>**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (**<u>PA/PC</u>**) qalet hekk :-

*Għal dak li jirrigwarda l-ewwel rekwiżit, il-kliem "kreditur" u "debitur" fl-artikolu 1144 m`għandhomx jiġu nterpretati fis-sens restrittiv illi l-azzjoni pawljana tista` tiġi eżerċitat biss meta wieħed għandu jieħu u l-ieħor għandu jagħti flus biss, imma għandhom jiġu meqjusa li jikkomprendu kull persuna li għandha xi jedd u kull persuna marbuta b`xi obbligazzjoni. Dan jirriżulta ċar mill-mod kif inhuma użati l-kliem "kreditur" u "debitur" fis-subtitolu IV tat-titolu IV "Effetti ta` Obbligazzjonijiet" fejn huwa inkluż l-artikolu 1144, kif ukoll mill-prinċipji tad-dritt ruman u l-prinċipji enunċjati mill-qrati taljani li għalihom saret ampja referenza mill-Qorti ta` l-Appell ta` Malta fil-kawża <u>Mifsud vs Cini</u> tas-7 ta` Diċembru 1934 (kollez. vol. XXIX. i. 28) li rriteniet "illi l-kelmiet `kreditur` u `debitur` ta` l-artikolu 850 (illum 1144) għandhom jittieħdu fis-sens wiesa li jigu użati fl-istess Titolu tal-Ligi fejn jinsab dak l-artikolu, u għalhekk għandhom jikkomprendu wkoll dak li jwiegħdu u għalhekk huma miżmuma mil-ligi li jixtru jew ibiegħu. Min iwiegħed li jbiegħ huwa debitur fis-sens li hu miżmum li jbiegħ dak li wiegħed, u fl-istess ħin kreditur illi min intrabat li jixtri għandu jixtri tassew, u fl-istess pożizzjoni ta` kreditur u debitur, mutatis mutandis, jinsab dak li wiegħed u jintrabat li jixtri." <u>Camoin vs Contini</u> 13.11.1933.*

Ghalhekk il-kliem "*kreditur*" u "*debitur*" fl-Art 1144 tal-Kap 16 m`ghandhomx jigu interpretati b`mod restrittiv fis-sens illi l-azzjoni tista` tigi ezercitata biss meta persuna ghandha tiehu jew ghandha taghti flus biss, izda l-esercizzju tal-azzjoni jikkomprendi kull persuna li ghandha xi jedd kontra haddiehor u kull persuna li ghandha obbligazzjoni fil-konfront ta` haddiehor.

(ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**<u>PA/PC</u>**) : 5 ta` Ottubru 2010 : "**<u>Cutajar et vs Fleming et</u>**")

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**<u>PA/JVC</u>**) fl-24 ta` Settembru 2015 fil-kawza "**<u>Flavia Cassar pro et</u>**

**noe vs Carmelo Muscat et**" [minn liema decizjoni sar appell li ghadu mhux appuntat] kienet michuda l-actio pauliana, stante li l-Qorti ma accettatx it-tesi tal-atturi li kellhom jitqiesu bhala *kredituri* tal-genituri taghhom ghall-fini tal-azzjoni pawljana lura fil-25 ta` Lulju 1986 semplicement abbazi tad-drittijiet ereditarji taghhom wara l-mewt tal-genituri taghhom. Il-Qorti sabet illi l-ewwel element mehtieg sabiex tirnexxi l-azzjoni ma kienx sodisfatt u cioe` l-allegat kreditu tal-atturi fil-konfront tal-genituri taghhom precedenti ghall-kuntratt mertu ta` dik il-kawza.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha tad-19 ta` April 2011 fil-kawza "**Licari Estates Limited vs Kischinchand Mohnani et**" fejn sar l-argument illi l-obbligazzjoni tal-konvenuti konjugi Mohnani li jhallsu lis-socjeta` attrici twieldet minn sentenza li kienet inghatat fil-11 ta` Ottubru 2006, waqt li l-kuntratti li s-socjeta` attrici riedet timpunja kienu saru qabel kienet intavolata u qabel kienet deciza dik il-kawza. Hemm inghatat l-eccezzjoni tal-karenza ta` interess. Il-Qorti accettat dak li sostniet is-socjeta` attrici illi l-frazi "*kreditu*" kellha tkun interpretata mhux fis-sens ristrett ta` persuna li ghandha kreditu pekunarju accertat imma fis-sens ta` kull min ghandu azzjoni x`jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta` obbligazzjoni. Il-Qorti fissret illi :-

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma` din it-tifsira u ssib sostenn fil-fehma taghha fis-sentenza ta` din l-istess Qorti diversament presjeduta (PA/GV) moghtija fis-7 ta` Jannar 2009 fil-kawza `Caruana et vs Attard et` (ara wkoll – `Sciortino vs Vella et` – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 27 ta` Gunju 1961). Licari tghid li fid-data ta` meta kienu ppubblikati lkuntratti de quo hija kellha kreditu intiz ghall-fini tal-actio pauliana.*

*Issa l-kreditu jrid ikun anterjuri ghall-att impunjat minhabba frode. Pero` din ir-regola tigi eskluza meta lallegata frode ssir ghall-iskop preciz sabiex jigu defraudati l-kredituri futuri (ara – `Calleja vs Grima et` - Qorti ta` l-Appell - 10 ta` Jannar 1955).*

*Minn analizi tal-provi li tressqu sal-istadju attwali ta` din il-kawza, jirrizulta illi l-fond 30, Triq ir-Repubblika, Valletta gie illiberat b`licitazzjoni favur s-socjeta` rikorrenti permezz ta` bejgh b`licitazzjoni fil-5 ta` Dicembru 2000 (ara fol. 14). Permezz ta` dan il-bejgh, is-socjeta` attrici saret unika proprjetarja tal-fond. Dan il-fond kien ghadu qed jokkupah il-konvenut Mohnani. Fit-18 ta` Dicembru 2000 Licari pprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenut Mohnani fejn interpellatu sabiex jizgombra mill-fond de quo. Fit-23 ta` Jannar 2001 Licari intavolat kawza (Cit. Nru 95/01 RCP) kontrih sabiex jillibera l-fond. Il-kawza kienet deciza fit-23 ta` Marzu 2004 u kien ordnat l-izgumbrament mill-fond de quo tal-konvenut Mohnani fi zmien tletin gurnata. Licari tghid li tikkontendi illi fiz-zmien meta intavolat dik il-kawza irrizervat id-dritt ghal `kull azzjoni ghad-danni bhala kumpens sakemm il-fond imsemmi jitbattal`. Din il-Qorti tghid li mill-5 ta` Dicembru 2000 u cioe` il-jum tal-bejgh b`licitazzjoni tal-fond de quo, Licari kellha drittijiet x`tissalvagwardja fir-rigward ta` l-konvenuti Mohnani u intimati li ma kienux baqghu komproprjetarji ta` l-fond izda li baqghu fl-okkupazzjoni tal-istess.*

*Dan l-interess huwa dak rikjest mil-ligi u huwa bizzejjed sufficjenti sabiex Licari tikkwalifika bhala `kreditrici` ghallfini ta` l-actio pauliana. Ghalhekk ir-raba` eccezzjoni ghandha tkun rigettata wkoll.”.*

**7) <u>Il-hames eccezzjoni</u>**

Bil-hames eccezzjoni, kien eccepit illi *ma jezistux l-estremi li trid il-ligi u l-gurisprudenza biex tirnexxi l-azzjoni attrici.*

In vista ta` din l-eccezzjoni, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis jekk is-socjeta` attrici tinkwadrax ruhha bhala *kreditur* fil-kuntest ta` l-*actio pauliana.*

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici ssostni illi <u>l-kreditu</u> taghha jirrisolvi ruhu fid-dritt taghha bhala s-sid tal-fond 113, St George`s Street, San Giljan, li ggib `il quddiem il-pretensjoni illi bil-ftehim ta` bejn Central One u Central Two kien hemm lezjoni tad-dritt taghha fuq il-fond anke ghaliex bil-ftehim id-debitur taghha sar insolvibbli jew aktar insolvibbli.

Is-socjeta` attrici ssostni illi meta sar il-ftehim in kwistjoni, il-kontraenti kienu jafu li kien hemm proceduri ta` zgumbrament istitwiti minnha kontra Central One ; ghalhekk il-ftehim sar propju sabiex tigi mxejna dik l-azzjoni, billi fil-kaz ta` ezitu favorevoli, l-izgumbrament ta` Central One ma kienx ser jirrizulta b`esitu utli ghaliha, peress li malli tigi zgumbrata Central One, kienet ser tispicca rinfaccjata b` kumpannija ohra gol-post u cioe` b`Central Two.

Min-naha taghhom, il-konvenuti kollha (hlief ghal Central One) ighidu li s-socjeta` attrici ma kellhiex pussess ta` l-fond in kwistjoni meta kien konkluz dan il-ftehim ; ghalhekk ma jikkonkorrix l-element ta` *kreditur* u ta` kreditu li jkun jezisti fil-mument tal-kuntratt allegatament danneggjanti.

Fil-kors ta` dan il-procediment, il-partijiet ghamlu riferenza ghal kawzi ohra ta` bejniethom.

Fosthom :-

1) Issemmiet il-kawza fl-ismijiet “*Amber Properties Limited vs Central Hoidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*” *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS)* li kienet deciza fl-10 ta` Lulju 2009 minn din il-Qorti diversament presjeduta. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ddikjarat illi l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw il-fond 113, Triq San Gorg, San Giljan, minghajr titolu validu

fil-ligi u ghalhekk ordnat l-izgumbrament taghhom. Ma jirrizultax li kien hemm appell minn din is-sentenza.

2) Issemmiet il-kawza fl-ismijiet "*Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited vs Alexandra Balzan Ruggier u Joseph Oliver Ruggier" (Rik. Gur. Nru. 1230/2008 JA)* li kienet deciza fit-12 ta` April 2010 minn din il-Qorti diversament presjeduta. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ddikjarat illi s-socjeta` attrici garrbet spoll u ordnat ir-reintegrazzjoni taghha. Minn din is-sentenza sar appell mill-konvenuti. Il-kawza kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Dicembru 2010 bil-konferma tas-sentenza appellata.

3) Issemmiet ukoll il-kawza fl-ismijiet *"Amadeo Balzan vs Amber Properties Limited et" (Rik. Gur. Nru. 247/2011 AF)* fejn intalbet ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS).* Il-kawza kienet pprezentata fl-10 ta` Marzu 2011 u tinsab differita ghas-sentenza ghall-20 ta` Jannar 2016.

Dan premess, u minn evalwazzjoni tal-provi l-ohra li tressqu, jidher li l-iskrittura li qed tigi impunjata fil-kawza tal-lum saret wara li kienet istitwita l-kawza fl-ismijiet "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS).* Jidher illi meta saret din il-kawza, Central One nehhiet il-pussess li kellha tal-fond de quo.

Sabiex tiddeciedi l-hames eccezzjoni, partikolarment dwar jekk jezistix l-element li trid il-ligi ossija li jkun hemm *kreditur* u *debitur* involuti, il-Qorti trid tqis dan il-punt wara li jkollha kwadru shih u finali tal-procedura ta` ritrattazzjoni fl-ismijiet *"Amadeo Balzan vs Amber Properties Limited et" (Rik. Gur. Nru. 247/2011 AF).* Maghruf l-esitu ta` dak il-prociediment, il-Qorti tkun tista` tikkonkludi jekk l-interess li ghandha Amber Properties Limited huwiex bizzejjed sabiex tikkwalifika bhala *kreditrici* ghall-fini tal-*actio pauliana.*

Il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument illi ladarba meta sar il-*management agreement,* il-kawza fl-ismijiet "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS)* ma kenitx ghadha deciza, allura l-*kreditu* ma kienx jezisti qabel ma` sehh l-att li qed jigi attakkat.

Fil-fehma ta` l-Qorti, sabiex jigu defrawdati kredituri futuri, ir-rekwizit li l-*kreditu* jrid ikun anterjuri ghall-att impunjat minhabba frode jigi eskluz. Fl-eventwalita` li s-sentenza fil-kawza "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS)* tibqa` hekk kif deciza fl-10 ta` Lulju 2009, is-socjeta` attrici tkun tikkwalifika bhala *kreditur* futur, u ghalhekk ir-rekwizit li l-*kreditu* jrid ikun anterjuri ghall-att impjunat, ma jkunx hemm lok li jigi ppruvat. F`dan l-istadju,

il-problema ghall-kawza tal-lum hija li ladarba is-sentenza fil-kawza "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS)* qeghda tigi mpunjata, il-Qorti ma tistax tasal biex tistabilixxi jekk is-socjeta` attrici tikkwalifikax bhala *kreditur* ghall-fini tal-*actio pauliana.*

Huwa minnu li s-socjeta` attrici hija s-sid tal-fond de quo, izda fiz-zmien meta sar il-*management agreement,* is-socjeta` attrici ma kellhiex il-pussess ta` l-istess fond. Skond is-socjeta` attrici, Central One ma kellhiex titolu validu biex tokkupa l-post, mentri skond Amadeo Balzan li kien direttur ta` Central One, hija kienet tiddetjeni l-fond bi titolu ta` kommodat. Fl-eventwalita` li s-sentenza fil-kawza "*Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel & Tourism) Limited u Amadeo Balzan*" *(Rik. Gur. Nru. 113/2008 FS)* tibqa` hekk kif deciza fl-10 ta` Lulju 2009, allura din il-Qorti tkun tista` tipprocedi b`indagini ta` l-elementi l-ohra li huma mehtiega sabiex tirnexxi l-*actio pauliana.* Fil-kaz illi dik is-sentenza tigi mpunjata, ritrattata u deciza diversament, inkluz li jirrizulta li Central One kellha titolu validu fil-ligi ghall-fond de quo, allura s-socjeta` attrici ma tkunx tikkwalifika bhala *kreditur* ai fini ta` l-azzjoni tal-lum, billi s-socjeta` attrici ma tkunx titolari ta` dritt valutabbli pekunjarjament u l-fatt li l-pussess tal-post ikun ghadda ghand haddiehor ma jkunx jammonta ghal att frawdolenti billi s-socjeta` attrici, ghad illi hija s-sid, ma kienx ikollha jedd li tizgombra lil Central One.

Kif gie espressament spjegat waqt it-trattazzjoni finali bil-fomm, is-socjeta` attrici qeghda tibbaza l-*kreditu* taghha fuq id-dritt taghha bhala sid tal-fond de quo illi taghmel uzu mill-fond. Madanakollu, kif gie spjegat, fil-kaz illi jkun li jirrizulta li jezisti titolu validu favur ta` Central One biex tiddetjeni l-fond, ma jkunx jezisti d-dritt ta` s-socjeta` attrici li taghmel uzu mill-proprjeta` taghha. Ghalhekk Amber Properties Limited ma tkunx tikkwalifika bhala *kreditur* ghall-fini tal-*actio pauliana.*

**Meqjus l-assjem ta` dawn il-fatti u cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li, sakemm ikun maghruf l-esitu finali tal-kawza fl-ismijiet *"Amadeo Balzan vs Amber Properties Limited et" (Rik. Gur. Nru. 247/2011 AF),* hija ghandha tissospendi l-ezami tal-elementi l-ohra li huma necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni pawljana, ghaliex jekk ma jirrizultax l-ewwel element, ikun inutli li ssir analizi ta` l-elementi l-ohra, billi l-elementi kostituttivi tal-azzjoni huma kumulattivi mhux alternattivi.**

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Central Holidays (Travel Agents and Organisers Limited), Alfred Balzan u Amadeo Balzan.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Central Holidays (Travel Agents and Organisers Limited), Alfred Balzan u Amadeo Balzan.**

**Tissospendi kull provvediment taghha dwar it-talbiet attrici u dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu.**

**Thalli l-kawza *sine die* riappuntabbli kif ighid l-Art 964 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta wara li l-kawza fl-ismijiet *"Amadeo Balzan vs Amber Properties Limited et" (Rik. Gur. Nru. 247/2011 AF)* tghaddi in gudikat.**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**